MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 983/2005/1

**Maltacom p. l. c.**

**vs**

**Central Asphalt Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett mija w erbgha u disghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm394.39c) rapprezentanti danni subiti f'proprjeta' ta' l-istess socjeta' mittenti konsistenti f'hsarat ta' *telephone cables* fi Triq is-Snajjien, il-Mellieha fit-8 ta' Lulju, 2003 (GT3/2003/42 Invoice 13176).

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet illi qabel it-Tribunal jasal biex jakkolji t-talba bhal dik attrici, jrid isib lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-allegati danni, u m'hemmx talba f'dan is-sens.

Illi minghajr pregudizzju d-danni allegati mis-socjeta' attrici m'hijiex responsabbli ghalihom is-socjeta' konvenuta fil-kors ta' din il-kawza u minghajr pregudizzju l-ammont reklamat huwa fi kwalunkwe kaz wiehed esagerat u eccessiv.

Sema' x-xhieda ta' Alison Zammit, Charles Azzopardi w Anthony Cauchi.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijietipprezentati minn Dr Keith Grech ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Ingrid Spiteri Bailey ghas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-8 ta' Lulju, 2003 waqt li Anthony Cauchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta kien qed jaghmel xoghlijiet ta' skavar fi Triq is-Snajjien, il-Mellieha, laqat *cable* tat-telefon li kien ghaddej taht it-triq.

Skond ir-rapport tal-Pulizija l-incident gara fis-13.30h izda tali rapport sar fl-15.50h.  Il-Maltacom baghtet in-nies biex isewwu fil-hin tal-16.10h u damu seba' sighat sabiex jaffettwaw ir-riparazzjonijiet in kwistjoni.  It-talba attrici tikkonsisti f'danni subiti mill-Maltacom u cjoe' s-*supplies*, *labour* u *company charges* u VAT sabiex isiru t-tiswijiet fil-*cable*.

Jirrizulta illi kienet effettivament is-socjeta' konvenuta li kkawzat il-hsarat u l-kwistjoni hija jekk is-socjeta' konvenuta ghandhiex tort.  Is-socjeta' konvenuta ssostni illi ghalkemm il-*cables* kienu ezattament fil-post fejn gie mmarkat lilhom mir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, dawn il-*cables* kienu aktar vicin lejn il-wicc milli

normalment ikunu. Anthony Cauchi xehed illi normalment il-*cables* ikunu zewg piedi u nofs taht il-wicc tat-triq izda f'dan il-kaz kienu biss sitt pulzieri.

Is-socjeta' attrici ssottomettiet illi min jiftah triq jaghmel dan ghar-riskju tieghu u t-Tribunal ikollu jikkonfessa illi huwa ma jaqbilx kompletament mad-dikjarazzjoni tant generika bhal din. Min qed jaghmel xoghol ta' skavar fit-triq u jkollu l-permessi kollha necessarji biex jaghmel tali xoghlijiet u jkunu saru l-marki tal-kanen, katusi u *cables* li huma ghaddejjin taht it-triq, ghandu jistenna illi dawn ikunu bejn wiehed u iehor fil-post lilu ndikat. Jekk kumbinazzjoni jolqot *cable* jew kanna jew katusa li ma tkunx fil-post indikat, allura wiehed ma jistenniex li ghandu jkun responsabbli ghal dan l-incident jekk ikun qed jahdem bil-galbu.

Fil-kaz odjern jirrizulta illi effettivament il-*cables* kienu ghaddejjin taht il-pozizzjoni li giet immarkata minn rapprezentant tal-Maltacom. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-konvenut irnexxielu jipprova illi l-*cables* kienu biss sitt pulzieri taht il-wicc tat-triq. It-Tribunal ezamina r-ritratti esebiti u minn dawn ir-ritratti jidher car illi l-*cables* kienu aktar minn sitt pulzieri taht il-livell tat-triq. Jista' jkun illi dawn ma kienux zewg piedi u nofs taht il-wicc izda, stante illi l-konvenut kien jaf illi hemm *cables* ghaddejjin f'dik il-parti tat-triq, kellu joqghod b'seba' ghajnejn ghal kif jaghmel ix-xoghol ezattament f'dak il-post.

Il-fatt li sehh l-incident ifisser li s-socjeta' konvenuta ma qaghditx attenta bizzejjed.

Illi ghalhekk it-Tribunal isib illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-hsarat ikkawzati u ghandha taghmel tajjeb ghalihom.

Dwar il-*quantum* tad-danni, s-socjeta' konvenuta kkontestat illi s-socjeta' attrici damet biex baghtet in-nies u ghalhekk hadmu bl-*overtime* li ma kienux ikunu ntitolati ghalih kieku r-riparazzjonijiet saru minnufih. Il-konvenut xehed li f'xi hin ghamel ir-rapport izda mir-rapport tal-Pulizija jidher illi ghalkemm l-incident gara fis-1.30p.m,

dan dahal ghand il-Pulizija xi saghtejn wara. Bejn il-hin li sar ir-rapport ghand il-Pulizija sakemm il-Maltacom baghtet in-nies ghaddew biss erbghin minuta u t-Tribunal ma jhossx li dewmien ta' erbghin minuta huwa xi dewmien li huwa barra minn tas-soltu. B'danakollu, jekk huwa minnu li verament il-Maltacom kellha hsara f'mitejn linja tat-telefon, kif xehdet Alison Zammit, wiehed ma jistax jifhem kif il-Maltacom ma bdietx tircievi *complaints* mill-persuni li ghandhom dawn il-mitejn linja. Mir-rapport tal-Pulizija jidher li l-incident gara fis-1.30p.m u bejn dak il-hin u sakemm il-Maltacom baghtet in-nies ghaddew kwazi tlett sighat, pero' din hija biss assunzjoni ghaliex provi f'dan is-sens ma gewx imressqa quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk f'dan il-kaz partikolari t-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jikkonkludi illi ma jirrizultax li kien hemm xi dewmien partikolari da parti tas-socjeta' attrici.

B'danakollu, minn ezami dettaljat tal-prospett esebit mis-socjeta' attrici a fol 14 tal-process jidher illi minbarra l-ispejjez u l-*labour charges*, is-socjeta' attrici qeghda titlob ukoll *company charges*. It-Tribunal jidhirlu illi dawn il-*company charges* ma gewx sodisfacentement spjegati. M'hemm l-ebda gustifikazzjoni mill-provi mressqa fl-atti ghaliex is-socjeta' konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghal dawn il-*company charges*. Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-materjal u l-*labour charges* kollha li thallsu sabiex isiru r-riparazzjonijiet huma nkluzi f'dan id-dokument. Wiehed ukoll ma jistax jinjora illi ghalkemm il-kawza giet istitwita mill-Maltacom plc, l-invoice esebit hareg mill-Wirenet Limited.

Illi inoltre, fuq dan id-dokument m'hemm l-ebda VAT registration number indikat u ghalhekk dan id-dokument ma jistax jitqies bhala VAT invoice u ghalhekk ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat illi s-socjeta' attrici attwalment inkorriet l-ispiza pertinenti ghall-VAT. Ma giet prodotta l-ebda rcevuta.

It-Tribunal ukoll ma jistax jifhem ghaliex Alison Zammit u Charles Azzopardi xehdu li t-tnejn jahdmu mas-socjeta' attrici izda l-invoice ghax-xoghlijiet hareg mill-Wirenet

Limited. Dwar dan hadd ma staqsa xejn u ma nghatat l-ebda spjegazzjoni.

Illi ghalhekk it-Tribunal qieghed jillikwida d-danni kif ser jinghad:

| | |
|---|---|
| Spejjez ta' materjal sabiex isiru r-riparazzjonijiet | Lm43.01c |
| Rifuzjoni tal-*labour element* tal-haddiema li effettwaw ir-riparazzjonijiet | Lm185.62c |
| **Total** | **Lm228.63c** |

Minkejja l-premess, it-Tribunal ma jhossx li ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez favur is-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement jikkundannaha sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm228.63c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u bl-ispejjez tal-kawza."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza u talbet li din tigi varjata. Hi tikkontendi illi t-Tribunal naqas li jiehu konjizzjoni sew tal-fatti u tad-dokumenti kollha in atti (i) fir-rigward ta' l-ammont tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u (ii) fir-rigward ta' l-ammont reklamat minnha bhala "*company charges*";

Jinghad bla ebda ezitazzjoni illi l-appell, kif impustat, hu destinat li jfalli fuq zewg binarji:-

(1) Fl-ewwel lok, meta t-Tribunal, in bazi ghall-provi, jasal ghal certi konkluzjonijiet ta' fatt, dak l-apprezzament tieghu tal-provi ma jaghtix lok ghall-appell skond l-Att V ta' l-1995;

(2) Sekondarjament, hi regola ben maghrufa illi din il-Qorti tat-tieni grad ma ghandhiex leggerment tiddisturba d-diskrezzjoni tal-valutazzjoni tal-provi li tkun saret mill-ewwel tribunal jekk issib li dik id-diskrezzjoni tkun sew ezercitata u l-motivazzjoni tas-sentenza tkun immuni minn vizzji logici;

Biex telabora fuq dawn il-premessi taghha din il-Qorti tibda biex tafferma illi, kif cirkoskritt mill-Kapitolu 380, id-dritt ta’ l-appell minn sentenza tat-Tribunal huwa ristrett ghall-ipotesijiet stabbiliti bis-subincizi (2) u (3) ta’ l-Artikolu 8 tieghu. Fil-kaz prezenti l-valur involut huwa inferjuri ghas-somma ta’ hames mitt lira (Lm500) u allura is-subinciz (3) huwa logikament inapplikabbli u din il-Qorti ma tistax allura tghaddi biex tissindika l-apprezzament tal-fatti. Kwantu ghas-subinciz (2), eskluzi aggravji rigwardanti l-gurisdizzjoni tat-Tribunal [subpara. (a)], jew kwestjoni ta’ preskrizzjoni [subpara. (b)], jew in-nuqqas ta’ tharis tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 7 (2) [subpara. (c)], minn imkien mir-rikors ta’ l-appell sottomess ma jirrizulta illi s-socjeta` attrici appellanti qeghda tillamenta b’ xi gravam taghha illi t-Tribunal “b’ mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella” [subpara. (d)];

Fl-assjem taghhom l-ilmenti tas-socjeta` appellanti huwa sostanzjalment kritika ta’ l-apprezzament ta’ fatt li ghamel it-Tribunal u xejn izjed. Anke kieku kellha din il-Qorti, ghall-grazzja ta’ l-argoment, tikkunsidrahom fil-parametri tas-subparagrafu (d) ta’ l-Artikolu 8 (2) xorta wahda ma ssibx lezjoni ta’ xi imparzjalita` jew tad-dritt ekwitativ, bi pregudizzju ghas-socjeta` appellanti. Eskluz kwalsiasi addebitu illi t-Tribunal agixxa b’ mod parzjali, lanqas ma jirrizulta illi t-Tribunal effettivament ghamel xi ezercizzju bazat fuq l-ekwita`. Kull ma nsibu fis-sentenza appellata hu semplici valutazzjoni tar-rizultanzi tal-provi u gudizzju fuq l-attendibilita` taghhom. Ezercizzju dan li kien dejjem mistenni li jsir minn tribunal ta’ l-ewwel grad adit mill-mertu u li, ghall-konvinciment tieghu, fl-ambitu ta’ l-indagini tal-

vicendi processwali, jislet dik ir-regola ta’ gudizzju li twasslu ghall-motivazzjoni ragonata;

Wiehed imbaghad ma jridx jitlef di vista li hawn si tratta ta’ Tribunal specjali u appell *ut sic* mid-decizjoni tieghu ma jistax isir hlief fil-kaz ta’ xi wahda mill-ipotesijiet regolati bl-Artikolu 8 (2) u (3) ta’ l-Att. Gjaladarba s-socjeta` attrici mkien qed tibbaza l-appellabilita` tad-decizjoni fuq xi wahda minn dawn l-ipotesijiet, l-appell taghha ma jistax hlief jitqies irritu u null. Huwa veru li l-kontro-parti ma ssollevat ebda pregudizzjali f’ dan is-sens. Dan pero` ma jwaqqafx lil din il-Qorti li *ex officio* tissoleva l-eccezzjoni ta’ l-inappellabilita` tad-decizjoni ghax dan hu principju ta’ ordni pubbliku u l-Qorti ma tistax tassumi gurisdizzjoni li ma ghandhiex. Ara “**Gio Andrea Psaila -vs- Emidio Mamo**”, Appell, 16 ta’ Mejju 1966;

Ferma din il-konkluzjoni, jekk trid din il-Qorti tista’ tieqaf hawn. Anke kieku pero` kellha tissindika l-valutazzjoni tal-provi li ghamel it-Tribunal xorta wahda ma ssibx illi s-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti jistghu jkunu ta’ vantagg ghall-akkoljiment ta’ l-aggravji taghha;

Jigi osservat illi s-socjeta` appellanti ma forniet l-ebda spjegazzjoni accettabbli li kapaci tinnewtralizza r-ragonament tat-Tribunal illi l-fattura a fol. 14 hi ntestata f’ isem is-socjeta` Wire Net Ltd u fuq din ma kien hemm indikat ebda VAT registration number. Huwa minnu illi s-socjeta` attrici tissottometti li l-imsemmija socjeta` hi parti mill-Maltacom Group. Daqstant iehor pero` huwa minnu illi l-kumpanija attrici u Wire Net Ltd huma socjetajiet distinti, b’ personalita` guridika ghalihom, u allura, anke jekk affiljati fl-istess grupp, l-anqas li kien mistenni kien li tigi prodotta ricevuta li turi li l-kumpanija l-wahda (dik attrici) issaldat il-kont tal-kumpanija l-ohra (Wire Net Ltd). Kwantu ghall-“*company charges*” minn imkien mill-atti ma jirrizulta “*breakdown*” taghhom. L-unika riferenza ghalihom nsibuha fix-xhieda ta’ l-Inginjier Alison Zammit fejn din tirreferi ghall-“*overhead charges*”. Certament

mhux mistenni li d-danneggjant jitghabba b' pizijiet aktar milli misthoqq. Fil-minimu, ghandu jkollu s-sodisfazzjon ta' spjegazzjoni ben preciza dwarhom. Jekk xejn biex jigi kkontrollat jekk fil-kaz konkrett dawn ghandhomx jitqiesu moderati, o meno.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq espressi tichad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------